MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 335/2008

Kawza fil-lista: 21

**X M**
**vs**
**L-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-Prokuratrici Legali Doreen Aquilina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti V M; u b' digriet tal-11 ta' Novembru 2009 l-istess kuraturi deputat gew estromessi mill-kawza, stante li C M assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju specjali ta' V M; u b' digriet tas-27 ta' Mejju 2010 l-istess kuraturi deputati gew rijappuntanti, stante li l-imsemmi C M, wkoll, telaq minn Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Dicembru 1999; li sussegwentement dan iz-zwieg gie dikjarat xolt permezz ta' digriet ta' divorzju mahrug mill-Awtoritajiet Awstraljani; li minn dan iz-zwieg twieldu zewg t'itfal T u Y; li r-rikorrenti ilha tirrisjedi Malta bil-minuri ghal dawn l-ahhar tlett snin u nofs; li minkejja li l-minuri ilhom jirrisjedu mar-rikorrenti dan iz-zmien kollu, ma hemm ebda digriet dwar manteniment ghall-istess minuri li ghandu jithallas mill-intimat; li noltre l-komunjoni tal-akkwisti ghadha vigenti, stante li d-digriet tad-divorzju ma jsemmi xejn dwar il-proprjeta' tal-partijiet li tikkonsisti f' appartament gewwa Malta u residenza ohra gewwa l-Awstralja; li r-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghall-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti:

1. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f' zewg porzjonijiet, mhux necessarjament ugwali, li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, occorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun;

2. Tikkonferma li l-kura u l-kustodja tal-minuri T u Y hija unikament u esklussivament f' idejn ir-rikorrenti;

3. Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment tal-minuri T u Y u tordna sabiex din is-somma tithallas mill-intimat direttament lir-rikorrenti f' data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull xahar, liema somma ghandha tigi depositata f' kont bankarju direttament hekk indikat mir-rikorrenti u f' kaz li dan ma jkunx realistikament possibli stante li l-intimat huwa residenti fl-Awstralja, tillikwida s-somma globali ta' manteniment dovut lir-rikorrenti ghall-ulied sakemm dawn jibqghu minuri u dik is-somma kif hekk likwidata titnaqqas minn dik il-parti tal-komunjoni ta' l-akkwisti li tigi assenjata lill-intimat u minflok tigi assenjata lir-rikorrenti a saldu tal-manteniment dovut;

4. Tillikwida s-somma ohra globali ta' manteniment dovut b' lura lir-rikorrenti ghat-tul ta' zmien kollu li l-ulied minuri ghamlu jghixu unikament mar-rikorrenti u tordna lill-intimat ihallas l-istess somma lir-rikorretni u wkoll f' kaz li

dan ma jkunx realistikament possibli stante li l-intimat huwa residenti fl-Awstralja, tordna li dik is-somma kif hekk likwidata titnaqqas minn dik il-parti tal-komunjoni ta' l-akkwisti li tigi assenjata lill-intimat u minflok tigi assenjata lir-rikorrenti a saldu tal-manteniment b' lura dovut;

5. Tassenja u tawtorizza lir-rikorrenti tirriprendi lura dawk l-oggetti kollha personali taghha li ghadhom jinsabu fil-proprjeta' tal-partijiet gewwa l-Awstralja bl-imposizzjoni ta' penali kontra l-intimat f' kaz li huwa ma jottemporax ruhu mad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

6. Tassenja u tawtorizza lir-rikorrenti tirriprendi lura dawk il-mobbli kollha fosthom hwejjeg tat-tfal, gugarelli u mobbli ohra uzati mill-minuri u li sallum ghandhom jinsabu fil-proprjeta' tal-partijiet gewwa l-Awstralja bl-imposizzjoni ta' penali kontra l-intimat f' kaz li huwa ma jottemporax ruhu mad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li biha nformaw il-Qorti li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat ir-risposta guramentata ta' C M, allura mandatarju specjali tal-assenti V M li permezz taghha, wara li ssolleva eccezzjoni preliminari, eccepixxa li d-dispost ta' l-artikolu 48 tal-kaptilu 16 jigi applikat fil-konfront ta' l-attrici; li jaqbel li l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri ghandha tigi fdata esklussivament f' idejn l-attrici, b' dana "izda li jkun fissat perijodu fejn dawn jintbaghtu ghand l-intimat l-Awstralja, u darba fil-gimgha ghand missieru hawn Malta."; jaqbel li jigi fissat ammont ta' manteniment li ghandu jigi versat ghall-htigijiet tal-minuri; jaqbel mal-hames [5] u mas-sitt [6] talba;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob il-qsim ta' l-assi formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, il-kura u kustodja esklussiva taz-zewg minuri, ulied tal-partijiet, kif ukoll sabiex din il-Qorti tillikwida manteniment, arretrat u futur, dovut lilha ghaz-zewg ulied minuri, u finalment li hi tigi awtorizzata tirriprendi l-affarijiet personali taghha u tal-minuri, u li fil-prezent jinsabu fil-pussess tal-konvenut, fl-Awstralja.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li mhux qed jopponi ghat-talbiet principali, jsostni li ghandu jigi applikat fil-konfront ta' l-attrici l-artikolu 48 tal-kapitlu 16.

**Il-Fatti**
Illi l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Dicembru 1999. Fis-27 t'April 2006 iz-zwieg gie xjolt permezz ta' divorzju ottenut fl-Awstralia, b' effett mit-28 ta' Mejju 2006, liema divorzju ma trattax l-aspett patrimonjali, ta' bejn il-partijiet, u li ghalhekk baqa' in komun bejniethom stante li tezisti bejn il-partijiet il-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg t'itfal T u Y, fis-6 ta' Gunju 2000 u fis-27 ta' Novembru 2003, rispettivament, u li ghalhekk ghadhom minorenni.

Illi dawn it-tfal jghixu ma' l-attrici f' Malta, filwaqt li l-konvenut baqa' jghix gewwa l-Awstralja. Inoltre, il-konvenut mhux qed ihallas manteniment ghal uliedu minuri.

**Kura u Kustodja**
Illi dwar dan l-aspett tal-kawza hemm qbil bejn il-partijiet li l-kura u kustodja taz-zewg minuri ghandha tigi fdata esklussivament f' idejn l-attrici bid-dritt li t-tfal jghixu maghha.

Il-konvenut minn naha tieghu qed jinghata access telefoniku darba fil-gimgha, f' gurnata u hin, miftiehem bejn il-partijiet, ghaz-zewg uliedu; kif ukoll qed jigi rizervat il-modalita' ta' access personali favur tieghu ghat-tfal minuri meta huwa jigi Malta, liema modalita' jigi fissat

minn din il-Qorti fuq rikors appozitu, in difett ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi l-partijiet ghandhom zewgt proprjetajiet immobbli, wahda f' Malta u wahda fl-Awstralia, u l-mobbli rispettivi ta' go fihom.

Illi l-konvenut jghid li l-proprjeta' fl-Awstralja, li qeda numru erba' [4] Ruari Court, Melton Melbourne [valutata mill-konvenut fl-ammont ta' €138,3767], ghandha fuqha dejn ta' €124,552, filwaqt li l-proprjeta' f' Malta, li qeda 232 'Heights Court', Block B, Flat 1 Triq il-Ghasel, Mellieha Heights, Mellieha [valutata fl-ammont ta' €115,000], hemm fuqha kreditu ta' missieru C M u tieghu ghal benefikati li allegatament saru fl-imsemmi fond.

Illi l-attrici qeda titlob manteniment settimanali ta' €140 ghaz-zewg t'itfal minuri, oltre nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri, li ghandhom jithallsu lilha mill-konvenut, flimkien ma' l-arretrati. L-attrici tghid ukoll li, tenut kont tad-diffikultajiet sabiex jigi enforzat dan l-obbligu tal-konvenut, huwa xieraq li din il-Qorti tikkapitalizza somma ghas-saldu tal-manteniment dovut mill-konvenut, u li din is-somma tittiehed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni.

*Assenjazzjoni*

Illi tenut kont ic-cirkostanzi, il-Qorti tikkunsidera gusta s-segwenti assenjazzjoni.

Illi l-konvenut qed jassenja lill-attrici sehemu ta' nofs indiviz fil-proprjeta' tal-Mellieha, b' mod li din tigi titqies bhala proprjeta' fl-intier taghha tal-attrici. Inoltre l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal xi kreditu li talvolta jezisti rigwardanti l-allegati benefikati li saru fuq dan il-fond minn C M.

Illi l-assenjazzjoni tas-sehem tal-konvenut f' din il-proprjeta' qed ikun ukoll ghas-saldu tal-manteniment, arretrat u futur, dovut minnu lill-attrici ghaz-zewg ulied minuri.

Illi minn naha taghha l-attrici qed tassenja s-sehem taghha mill-fond fl-Awstralja lill-konvenut b' mod li din il-proprjeta' tigi meqjusa bhala tieghu fl-intier taghha. Inoltre, qed jigi deciz li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghad-dejn kollu gravanti din il-proprjeta'.

Illi kull parti qed tigi assenjata l-mobbli kollha li jinsabu fil-fond assenjat lilha.

Illi kull dejn kuntrattat minn parti ad insaputa tal-parti l-ohra jkun esklussivament a kariku ta'dik il-parti li tkun ikkuntrattatu.

Illi rigward it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, il-Qorti tosserva li l-applikazzjoni tal-artikolu 48 huwa konsegwenzali ghal dikjarazzjoni ta' htija ghas-separazzjoni personali, u ghalhekk fil-kaz in dizamina, in difett ta' talba ghas-separazzjoni personali, ukoll, peress li z-zwieg illum huwa xjolt bid-digriet tad-divorzju, din l-eccezzjoni ma tistax treggi.  Ghalhekk qed tigi michuda.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar il-*lis alibi pendenza*, il-Qorti tosserva li l-konvenut ma baqax jinsisti fuq din l-eccezzjoni, u in effetti baqa' jressaq il-provi fil-kawza odjerna quddiem din il-Qorti, ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi meqjusa bhala rinunzjata mill-istess konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwidaha u tassenjaha kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

[2] tilqa' t-tieni talba, bl-access favur il-missier kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

[3] tilqa' t-tielet u r-raba' talba, fis-sens u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

[4] tichad il-hames u s-sitt talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;

Spejjez bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------